# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

## S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D - PRESIDENT

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Marzu 2001.**

**Numru 11**

**Avviz numru 1369/96 SM**

**Francis Camilleri**

**vs**

**Alfred u Doris konjugi Ellul u Kevin Ellul**

**Il-Qorti;**

**IR-RIKORS TA' APPELL**

Il-konvenuti f'din il-kawza appellaw minn sentenza tal-Qorti Civili tal-Magistrati tat-13 ta' Gunju 2000 li fiha gew ordnati jizgumbraw minn garaxx fil-pussess taghhom. Ghamlu dan permezz ta' dan ir-rikors :-

> "Illi l-appellatipprezenta avviz fejn talab lill-ewwel Qorti tikkundanna lill-appellanti jizgombraw mill-garage li jinsab fi Triq Gdida fi Triq San Gwann, Gharghur, proprjeta' tieghu stante li qieghed jokkupa l-istess fond minghajr titolu validu fil-ligi, u dan fi zmien qasir u perenterju lilu prefiss ; bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Awissu ta' l-1996 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.
> Illi ai fini ta' kompetenza gie dikjarat li l-valur lokatizju tal-fond ma jeccedix is-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500).

Illi l-appellant eccepixxa s-segwenti :-

i) Illi fl-ewwel lok il-konvenuti jissottomettu li l-ewwel trid tigi deciza l-kawza li hemm pendenti bejn l-atturi u Alfred u Doris konjugi Ellul, il-genituri tal-konvenut pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili rigwardanti l-wirt ta' Louis Camilleri stante li l-fond in kwistjoni jifforma parti minn dan il-wort.

ii) Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-atturi jridu jippruvaw it-titolu taghhom.

iii) Ill l-konvenuti ghandhom kull dritt jikkupaw il-garage in kwistjoni.

Illi l-appellant eccepixxa ulterjorment illi l-ewwel trid tigi deciza l-kawza li hemm pendenti bejn l-atturi u Alfred u Doris konjugi Ellul, il-genituri tal-konvenut pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili rigwardanti l-wirt ta' Louis Camilleri stante li l-fond in kwistjoni jifforma parti minn dan il-wirt.

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr. David Scicluna b'sentenza parzjali taghha datata 16 ta' Jannar 1998 cahdet l-ewwel eccezzjoni preliminari u ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr. Silvio Meli b'sentenza taghha datata 13 ta' Gunju 2000 cahdet l-eccezzjoni fuq il-mertu u laqghat it-talba attrici.

Illi l-appellant hass ruhu aggravat minn din is-sentenza tat-13 ta' Gunju 2000 u qed jinterponi umli appell minnhom.

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti :

Illi fil-kawza odjerna giet ppruvat illi kien hemm titolu ta' lokazzjoni. Fil-fatt gie esebit ktieb tal-kera.

Illi dwar dan l-ewwel Qorti tenniet il-principju "nemo dat qui non habet" u kkonkludiet illi Wigi Camilleri ma setax jaghti l-fond b'titolu ta' lokazzjoni lill-appellant.

Illi pero' ssir riferenza ghall-artikolu 1530(1) tal-Kap 16 li jghid :-

> *"Il-ghoti b'kiri minn dak li jkun jippossjedi l-haga taht fedekommess jew b'uzufrott, jew taht titolu iehor temporanju jew li jista' jinhall, jiswa wkoll kwantu ghas-successuri tieghu, jekk ikun sar taht kondizzjonijiet gusti, u ghal zmien mhux izjed minn tmien snin, fil-kaz ta' raba', jew*

> *erba' snin, fil-kaz ta' bini, jew ghal zmien aqsar minn kull wiehed miz-zminijiet fuq imsemmija, fil-kaz ta' beni li l-kiri taghhom ghal aktar minn dak iz-zmien aqsar huwa pprojbit."*
>
> Illi ma jirrizultax waqt dawn il-proceduri illi l-mejjet Wigi Camilleri ma kellu l-ebda titolu imqarr titolu termporanju fuq il-fond in kwistjoni. Anzi l-probabbilita' hi li kellu tali titolu. Gew esebiti numru ta' dokumenti li juru li s-servizzi tat-telephone, dawl u ilma kienu registrati fuq isem Wigi Camilleri. Anke l-permess tal-bini kien hareg fuq isem Wigi Camilleri.
>
> F'dan il-kaz ikun japplika l-artikolu fuq citat u l-kirja, ghalkemm ma saritx mis-sid, tkun wahda valida.
>
> Issa jekk l-appellant jidhirlu li ghandu jattakka l-validita' tal-ircevuti u konsegwentement tal-kirja in kwistjoni, billi jissottometti illi l-artikolu precitat ma japplikax, din mhix materja li tista' tigi deciza minn din il-Qorti. L-appellant f'dan il-kaz ghandu jinizzja proceduri ohra biex jannulla l-kirja de quo.
>
> Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr. Silvio Meli tat-13 ta' Gunju 2000 u filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati."

Fil-kors ta' dawn il-proceduri quddiem din il-Qorti prezentatat fil-11 ta' Awissu 2000 minn Kevin Ellul, wiehed mill-appellanti f'din il-kawza, gie hekk espost :-

> "Illi l-esponent xtaq jinforma lil dina l-Onorabbli Qorti illi meta gie ippresentat l-appell odjern fl-ismijiet fuq premessi, l-istess esponent kien intavola rikors tal-appell iehor minn sentenza fl-ismijiet Francis Camilleri vs Alfred u Doris konjugi Ellul u Kevin Ellul (Avv. Nru. 1369/96 SM) deciza fl-istess gurnata bhas-sentenza appellata fl-appell odjern, jigifieri fit-13 ta' Gunju, 2000 ;
>
> Illi ghalhekk l-esponent kien involut f'zewg appelli ;
>
> Illi meta gie sabiex jippresenta dawn iz-zewg appelli kontestwalment, l-esponent ma ppresentax kopja ta' kull appell,

izda ippresenta z-zewg appelli minghajr il-kopja ghan-notifika tal-kontro-parti ;

Illi ghalhekk gara illi fir-registru tal-appell jirrizulta illi dahal appell wiehed biss u b'kopja tal-appell l-iehor bhala kopja ghan-notifika ;

Illi fil-fatt l-appellat gie innotifikat b'appell wiehed biss, jigifieri bl-appell fl-ismijiet Francis Camilleri vs Kevin Ellul (Avv. Nru. 1004/95 SM) u fil-fatt irrisponda ghall-istess appell u dana minghajr ma jinsab fir-Registru tal-Appell.

Illi ghalhekk jirrizulta illi ghalkemm l-esponent naqas milli jippresenta kopja ta' kull rikors tal-appell, l-ebda rikors tal-appell ma gie ippresentat *fuori termine* ghaliex it-tnejn gew ippresentati fit-terminu koncess mil-ligi sabiex wiehed ikun jista' jappella.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tammetti r-rikors ta' l-appell fl-ismijiet Francis Camilleri vs Kevin Ellul (Avv. Nru. 1004/95 SM) fir-Registru tal-Appell liema rikors qed jigi hawn anness u mmarkat Dok. A."

**<u>IR-RIKORS TA' APPELL TA' KEVIN ELLUL FIL-KAWZA FL-AVVIZ NUMRU 1004/95 SM</u>**

Din il-Qorti ser tirriproduci r-rikors tal-appell ta' dan Kevin Ellul fil-kawza l-ohra deciza kontestwalment ma' dik taht ezami ghax dan juri b'mod lampanti l-izball amministrattiv li sar.

"Illi l-appellat ipprezenta avviz fejn talab lill-ewwel Qorti tikkundanna lill-appellant jizgombra mill-fond "Wigi", St. John Street, Gharghur, proprjeta' tieghu stane li qieghed jokkupa l-istess fond minghajr titolu validu fil-ligi, u dan fi zmien qasir u perentorju lilu prefiss ; bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Illi ai fini ta' kompetenza gie dikjarat li l-valur lokatizju tal-fond ma jeccedix is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250)>

Illi l-appellant eccepixxa s-segwenti :-

i) In linea preliminari l-inkompetenza ta' din il-Qorti "ratione materiae" u jaghmel ampja referenza in sostenn ta' dan, ghall-kawza ohra numru 934/95 MM fl-ismijiet Thomas u Catherine konjugi Cauchi vs Lawrence Caruana.

ii) Illi subordinatament u bla pregudizzju l-eccipjent ghadu titolu validu ta' lokazzjoni.

iii) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi l-appellant eccepixxa ulterjorment illi l-ewwel trid tigi decizia l-kawza li hemm pendenti bejn l-atturi u Alfred u Doris konjugi Ellul, il-genituri tal-konvenut pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili rigwardanti l-wirt ta' Louis Camilleri stante li l-fond in kwistjoni jifforma parti minn dan il-wirt.

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr. David Scicluna b'sentenza parzjli taghha datata 31 ta' Jannar 1997 cahdet l-ewwel eccezzjoni preliminari u ordnat il-kontinwazzjoni ta' dawn il-proceduri.

Illi l-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) b'sentenza parzjali taghha datata 16 ta' Jannar 1988 rigwardanti n-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut u ghar-ragunijiet hemm esposti cahdet din l-istess eccezzjoni ulterjuri preliminari u ordnat il-prosegwiment tal-kawza fuq il-mertu.

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr. Silvio Meli b'sentenza taghha datata 13 ta' Gunju 2000 cahdet l-eccezzjoni fuq il-mertu u laqghat it-talba attrici.

Illi l-appellant hass ruhu aggravat minn din is-sentenza tat-13 ta' Gunju 2000 u anke mis-sentenza parzjali tal-31 ta' Jannar 1997 u qed jinterponi umli appell minnhom.

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti :-
Illi l-appellant jerga' jaghmel ampja referenza ghall-kawza citata fl-ismijiet *Thomas u Catherine konjugi Cauchi vs Lawrence Caruana.* F'din il-kawza l-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet tenniet illi meta jigi ppruvat illi jezisti titolu ta' lokazzjoni allura l-Qrati ordinarji m'ghandhomx kompetenza u jridu jigu inizzjati proceduri fil-Bord li Jirregola l-Kera biex tali kirja tigi terminata.

Illi fil-kawza odjerna giet ppruvat illi kien hemm titolu ta lokazzjoni. Fil-fatt gie esebit ktieb tal-kera. L-ewwel Qorti kellha tieqaf hemm u tiddikjra ruhha inkompetenti.

Illi bla pregudizzju u fuq il-mertu l-ewwel Qorti tenniet il-principju “nemo dat qui non habet” u kkonkludiet illi Wigi Camilleri ma setax jaghti l-fond b’titolu ta’ lokazzjoni lill-appellant.

Illi pero’ ssir referenza ghall-artikolu 1530(1) tal-Kap 16 li jghid :-

> “*Il-ghoti b’kiri minn dak li jkun jippossjedi l-haga taht fedekommess jew b’uzufrott, jew taht titolu iehor temporanju jew li jista’ jinhall, jiswa wkoll kwantu ghas-successuri tieghu, jekk ikun sar taht kondizzjonijiet gusti, u ghal zmien mhux izjed minn tmien snin, fil-kaz ta’ raba’, jew erba’ snin, fil-kaz ta’ bini, jew ghal zmien aqsar minn kull wiehed miz-zminijiet fuq imsemmija, fil-kaz ta’ beni li l-kiri taghhom ghal aktar minn dak iz-zmien aqsam huwa pprojbit.”*

Illi ma rrizultax waqt dawn il-proceduri illi l-mejjet Wigi Camilleri ma kellu l-ebda titolu imqarr titolu temporanju fuq dan il-fond in kwistjoni. Anzi l-probabbilita’ hi li kellu tali titolu. Gew esebiti numru ta’ dokumenti li juru li s-servizzi tat-telephone, dawl u ilma kienu registrati fuq isem Wigi Camilleri. Anke l-permess tal-bini kien hareg fuq isem Wigi Camilleri.

F’dan il-kaz ikun japplika l-artikolu fuq citat u l-kirja, ghalkemm ma saritx mis-sid, tkun wahda valida.

Issa jekk l-appellant jidhirlu li ghandu jattakka l-validita’ tal-ircevuti u konsegwentement tal-kirja in kwistjoni, billi jissottometti illi l-artikolu precitat ma japplikax, din mhix materja li tista’ tigi deciza minn din il-Qorti. L-appellant f’dan il-kaz ghandu jinizzja proceduri ohra biex jannulla l-kirja de quo.”

**<u>KOSTATAZZJONIJIET TA’ FATT</u>**

Indubjament huma accertati s-segwenti fatti :-

(1) Jezistu zewg kawzi decizi mill-istess Qorti Civili tal-Magistrati fl-istess gurnata li fihom il-konvenut appellant Kevin Ellul kien involut. Wahda hi dik li ggib l-numru 1369/96 SM li fiha l-konvenut Kevin Ellul kien, flimkien mal-konjugi Alfred u Doris Ellul, kundannat biex jizgombra mill-garaxx fi Triq Gdida, fi Triq San Gwann, Gharghur. L-ohra bin-numru 1004/95 SM li fiha hu kien wahdu konvenut u li fiha ntalbet u inlaqghet il-kundanna biex hu jizgombra mill-fond u jigi St. John Street, Gharghur. Iz-zewg kawzi kienu promossi mill-istess attur appellat.

(2) L-atti tal-kawza 1369/96 SM indubjament huma regolari u dik il-kawza tista' tipprocedi. Dan pero' mhux wara illi l-appellat jigi notifikat regolarment b'kopja tar-rikors tal-appell li certament mhux dik li hu gie biha notifikat in kwantu hu stabbilit illi l-att li rcieva kien jirreferi ghall-fond u mhux ghall-garaxx li ma kienx mertu ta' din il-kawza.

(3) Ma hemmx dubbju illi fl-20 ta' Gunju 2000 gie wkoll prezentat mill-istess Kevin Ellul rikors ta' appell fil-kawza bl-ismijiet Avviz 1004/95 SM mis-sentenza tal-Qorti Civili tal-Magistrati deciza fit-13 ta' Gunju. Id-dicitura u l-premessi u t-talbiet f'dak ir-rikors ta' appell huma ghal kollox differenti minn dawk fl-appell l-iehor prezentat kontestwalment mill-konjugi Ellul u Kevin Ellul fil-process taht ezami.

(4) Irrizulta illi filwaqt ir-rikors ta' appell fil-kawza l-ohra kontra Kevin Ellul biss gie debitament prezentat u ricevut mill-attwarju, dan ma giex

pero' mhallas ghaliex gie kunsidrat zbaljatament, li kien kopja tar-rikors tal-appell fil-kawza l-ohra (dik issa taht ezami) tant li bhala tali gie notifikat lill-attur appellat.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

L-izball hu wiehed lampanti, ovvju u car. Ir-responsabbilita' ghalih kienet testendi mill-Prokuratur Legali li pprezenta l-atti, ghall-attwarju li rcieva l-att u ghal min naqas illi jipprezentah ghall-pagament. Hi zvista sfortunata jekk mhux leggerezza imperdonabbli li pero' din il-Qorti ma jidhrilix li ghandu jbati ghaliha l-appellant Kevin Ellul, li fl-ahhar mill-ahhar ipprezenta r-rikors tal-appell tieghu bl-avviz numru 1004/95 SM, tempestivament, fit-terminu. Fil-fehma ta' din il-Qorti hija l-prezentata tal-att li hi essenzjali biex tissodisfa l-vot tal-ligi li l-appell ikun gie debitament intavolat, fiz-zmien utili, aktar mir-regolarita' tal-hlas tal-prezentata. Ma jidher li hemm xejn fil-ligi li josta li l-pagament tad-drittijiet tar-registru dovuti jigu regolarizzati jew rettifikati jekk dan jirrizulta li jkun amministrattivament mehtieg u sakemm ma jkunx hawn divjet espress tal-ligi li hekk isir.

L-artikolu 183 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili li jitratta dwar "id-dmirijiet tar-Registratur dwar il-prezentata tal-iskritturi" jipprovdi illi "meta tigi prezentata skrittura, r-Registratur ghandu jnizzel fuqha d-data tal-prezentata bl-isem u l-kwalita' li fiha tidher il-persuna li

tipprezenta l-iskrittura u n-numru tad-dokumenti li jingiebu mal-iskrittura ……… Hu ghandu jnizzel fil-gemb tal-iskrittura s-somma mhallsa ghad-drittijiet u l-isem tal-persuna li thallashom".

L-artikolu 1004(1) jipprovdi imbaghad illi l-ispejjez ghandhom jigu ntaxxati u mhallsa skond it-tariffi fl-iskeda A. L-intaxxar tal-ispejjez hu wiehed mill-oneri tar-Registratur. Qari akkurat ta' dawn id-disposizzjonijiet wasslu lill-Qorti ghall-konkluzjoni illi :-

(a) Il-prezentata tal-iskrittura ssir fil-mument meta din tigi konsenjata lir-Registratur u dan jaghmel id-dikjarazzjoni fuqha tad-data tal-prezentata, bl-isem u l-kwalita' li fiha tidher il-persuna li tipprezenta l-iskrittura u n-numru tad-dokumenti li jingiebu mal-iskrittura. Dak hu l-att ufficjali li jiccertifika illi l-iskrittura tkun giet ricevuta u mdahhla fir-registru tal-Qrati.

(b) Jidher illi fil-mument meta ssir dik id-dikjarazzjoni tal-prezentata kuntrarjament ghal dik li tidher li hija l-prassi sal-lum, id-drittijiet dovuti ghall-prezentata kellhom ikunu diga' gew imhallsa. Tant illi r-Registratur mal-prezentata kellu jnizzel fil-gemb tal-iskrittura s-somma mhallsa u l-isem tal-persuna li tkun hallsithom.

(c) Minghajr ma tiddefenixxi f'dan l-istadju u f'din is-sentenza, l-interpretazzjoni preciza fuq din il-parti tal-artikolu 183, din il-Qorti

tissottolineja pero' l-fatt illi l-prezentata tal-iskrittura ma kienitx tiddependi necessarjament mill-indikazzjoni tar-Registratur dwar l-ispejjez ghall-prezentata tal-att. Tant hu hekk li hemm hafna kazijiet fejn din id-dikjarazzjoni fir-rigward tal-ispejjez ma kienitx mehtiega proprju ghaliex spejjez ma jkunux dovuti. Hekk per ezempju l-atti kollha prezentati mill-Gvern Civili ; hemm pero' kazijiet ohra.

Dan kollu jwassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni illi f'dan il-process ghandha quddiemha :-

(a) Rikors tal-appell proprju ghall-avviz numru 1369/96 SM minn sentenza deciza fit-13 ta' Gunju 2000 fl-ismijiet "Francis Camilleri vs Alfred u Doris konjugi Ellul u Kevin Ellul". Dan ir-rikors ghadu ma giex notifikat regolarment lill-attur appellat. Din il-Qorti hekk ser tordna li ghandu jsir biex din il-kawza tipprocedi regolarment.

(b) Rikors tal-appell li hu wiehed originali prezentat kif inghad fl-20 ta' Gunju 2000 (a fol. 90 tal-process) u dana riferibbilment ghall-avviz l-iehor numru 1004/95 fl-ismijiet "Francis Camilleri vs Kevin Ellul" ukoll deciz fit-13 ta' Gunju 2000. Din il-kawza ghadha mhix appuntata minn din il-Qorti pero' l-Qorti ma tistax tinjora li dan ir-rikors ta' appell gie regolarment prezentat fl-20 ta' Gunju 2000 u li konsegwentement kellu jingieb a konjizzjoni ta' din il-Qorti, naturalment wara li jkunu gew debitament imhallsa d-drittijiet dovuti fi spejjez gjudizzjarji.

Fir-rigward ta' dan it-tieni rikors ta' appell allura, din il-Qorti qeghda tipprovdi kif gej :-

Tordna l-isfilz ta' dan ir-rikors mill-atti ta' din il-kawza liema rikors ghandu jigi konsenjat f'idejn ir-Registratur. Ir-Registratur ghandu immedjatament jipprovdi ghall-hlas ta' drittijiet dovuti. Regolarizzat dan ir-rikors ta' appell kellu jingieb a konjizzjoni ta' din il-Qorti biex din tipprocedi ghall-appuntament tas-smiegh tieghu u ghall-hrug tal-avvizi relattivi. Dan fil-kawza avviz numru 1004/95 SM. B'hekk din il-Qorti qed tipprovdi ghar-rikors tal-istess Kevin Ellul fl-atti ta' din il-kawza tas-17 ta' Awissu 2000. L-appell fil-kawza avviz numru 1369/96, quddiem il-Qorti llum, qed jigi differit ghal trattazzjoni fil-mertu. Spejjes rizervati ghall-gudizzju finali.

Dep/Reg

mg